MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**ROBERT G MANGION**

Seduta tal-11 ta' Gunju, 2013

Citazzjoni Numru. 179/2010

**A B**
**vs**
**D C E, Direttur tar-Registru Pubbliku, Dr Renzo Porsella Flores u Prokuratur Legali Dr Mario Mifsud Bonnici li skont digriet tat-22 ta' Gunju 2010 gew nominati kuraturi deputati biex jirraprezentaw kemm lill-minuri F G H E kif ukoll lill-ommu J K M, it-tnejn assenti minn Malta u b'digriet tat-13 ta' Ottubru 2010 l-inkarigu tad-deputati kuraturi gie limitat ghall-minuri F G H E biss.**

**Il-Qorti,**

**Preliminari**

Rat ir-rikors guramentat tal-attur ipprezentat fil-26 ta' Mejju 2010 li permezz tieghu wara li ppremetta:-

1. "Illi l-konvenuta J K M kienet izzewget lill-konvenut D C E, izda ghal numru ta' snin ghexet separata minnu minghajr ma sseparat minnu legalment;

2. Illi ghal dawn l-ahhar seba' snin, il-konvenuta J K M kienet qed tghix ma' l-attur u fid-9 ta' Gunju 2004 hi u l-attur tweldilhom iben F G H li gie iskritt fir-Registru Pubbliku ta' Malta bl-Att bin-Numru Progressiv elfejn, mija u tmienja u tletin (2138) tas-sena elfejn u erbgha (2004);
3. Illi r-registrazzjoni saret mill-omm, J K M, u minghajr ma kien hemm ghazla, zewgha gie indikat bhala missier it-tarbija;
4. Illi l-attur huwa l-missier naturali ta' l-imsemmi F G H, kif anke jirrizulta mit-tests tad-DNA maghmula fis-7 ta' Marzu 2008;
5. Illi sa ftit jiem qabel infethet din il-kawza l-attur kien qed irabbi u jmantni lill-imsemmi minuri F G H, sa ma dan ittiehed barra minn Malta klandestinament;
6. Illi l-attur ghandu interess li jigi rikonoxxut bhala missier il-minuri u li dan jigi rifless fic-certifikat tat-twelid ta' l-istess minuri.
7. Illi l-attur jaf dawn il-fatti personalment u ghalhekk kellha ssir din il-kawza."
Talab li din il-Qorti:-
1. "Tiddikjara li l-konvenut D C E mhuwiex missier il-minuri F G H, imma huwa l-attur, il-missier ta' l-istess minuri;
2. Tordna li l-att tat-twelid tal-minuri F G H tas-7 ta' Lulju 2004 li jgib in-numru ta' l-iskrizzjoni 2138 ta' l-2004 jigi korrett fis-sens li bhala partikolaritajiet tal-missier tat-tarbija, fil-kolonna li tindika isem u kunjom il-missier il-kliem 'D C E' jigi sostitwit bil-kliem 'A B'; fil-kolonna intestat "id-Dokument ta' l-Identità " in-numru ta' identifikazzjoni tal-missier 0024659A jigi sostitwit bin-numru ta' identifikazzjoni 0067173M; fil-kolonna li tindika l-età tal-missier, in-numru 33 jigi sostitwit bin-numru 31; fil-kolonna li turi l-post tat-twelid tal-genituri, dak tal-missier cioe il-kliem Homs Syria jigu sostitwiti bil-kliem Mtarfa (Rabat) Malta; u fil-kolonna intestata "Isem u kunjom il-missier, u jekk hux haj jew mejjet" il-kliem C E (Alive) ghandu jigi sostitwit bil-kliem Carmelo B (Dead);
3. Tiddikjara fil-kolonna intestat "Isem jew ismijiet li bih/bihom it-tarbija ghandha tigi msejha, wara l-ismijiet F G H ghandu jizdied il-kunjom B M.
Bl-ispejjez kontra l-konvenuti."
Rat il-lista tax-xhieda ta' l-attur;

Rat id-dokumenti pprezentati mill-attur.

Rat ir-risposta guramentata tad-Direttur tar-Registru Pubbliku li permezz taghha espona:

1. “Illi fl-ewwel lok qieghda tigi sollevata l-improponibbilità parzjali tal-ewwel talba tar-rikorrenti ghaliex filwaqt li huwa ghandu kull dritt qua terz interessat li jattakka l-filjazzjoni tal-minuri F G H a tenur tal-Artikolu 77 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta fis-sens li jigi dikjarat li l-istess F G H mhuwiex iben D C E, min-naha 'l ohra l-ligi ma taghtihx l-istess dritt li jagixxi gudizzjarjament biex jitlob li jigi dikjarat li huwa l-missier naturali ta' F G H;

2. Illi fuq l-istess stregwa allura t-tielet talba tar-rikorrent ma tistax tigi akkolta u lanqas ma tista' tintlaqa' kompletament it-tieni talba tar-rikorrenti ghaliex jekk kemm -il darba hu jirnexxielu jipprova ghas-sodisfazzjoni ta' din l-Onorabbli Qorti li l-minuri F G H mhuwiex il-wild naturali tal-intimat D C E, f'dak il-kaz il-minuri jrid jigi mnizzel bhala l-wild ta' persuna mhux maghrufa - naturalment dan isir minghajr pregudizzju ghad-drittijiet tar-rikorrenti li sussegwentement wara l-gheluq ta' dawn il-proceduri jimxi bit-taghrif u r-registrazzjoni relattiva tal-imsemmi minuri a tenur tal-Artikolu 86 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

3. IIlli subordinatament ghal dak li jikkoncerna mal-mertu, b'mod partikolari dwar il-paternità tal-minuri F G H, l-esponent naturalment ma jinsabx edott mill-fatti li gew iddikjarati fir-rikors guramentat u ghalhekk huwa jirrimetti ruhu ghar-rizultanzi processwali u kif ukoll ghas-savju gudizzju ta' din l-Onorabbli Qorti;

4. Illi bla hsara ghas-suespost biex ir-rikorrent jirnexxielu b'success jattakka l-filjazzjoni tal-minuri F G H huwa jehtieglu jipprova l-impossibilità fizika tal-kongungiment bejn il-konjugi D E u J K M tul il-perjodu li jsemmi l-Artikolu 77 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

5. illi fl-istess waqt ir-rikorrent irid ukoll jeghleb il-prezunzjoni legali mahluqa bis-sahha tal-Ariktolu 81 (2) tal- Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta billi adegwatament u konvincentement juri li l-pussess ta' stat tal-minuri F G H ma jaqbilx mal-att tat-twelid tieghu;

6. Illi ulterjorament minghajr pregudizzju ghall-premess f'kaz li din l-Onorabbli Qorti tilqa' t-talbiet tar-rikorrenti l-kelmiet *'the said'* li jinsabu qabel isem D C E , senjament

taht il-kolonna u fir-ringiela fejn hemm indikati t-taghrif dwar l-omm ghandhom ukoll jigu kkancellati mill-Att tat-Twelid bin-numru ta' iskrizzjoni 2138 tas-sena 2004;

7. Illi finalment dejjem minghajr pregudizzju ghas-suriferit, l-esponenti jissottometti li fi kwalunkwe kaz l-azzjoni tar-rikorrenti mhijiex attribwibbli ghal xi ghemil jew nuqqas ta' agir ta' l-esponent u ghalhekk huwa m'ghandux jigi assoggettat ghall-ispejjez tal-kawza istanti;"

Salv eccezzjonijiet ulterjuri;

Bl-ispejjez kontra r-rikorrenti.

Rat id-digriet taghha ta' 22 ta' Gunju 2010[1] li permezz tieghu nnominat lil Av. Renzo Porsella Flores u lill-Prokuratur Mario Mifsud Bonnici bhala kuraturi deputati sabiex jirraprezentaw lill-minuri u lill-konvenuta;

Rat illi fl-udjenza tat-13 ta' Ottubrui 2010, wara dikjarazzjoni tal-attur li kien jaf bl-indirizz tal-konvenuta, in-nomina tal-kuraturi deputati giet limitata ghall-minuri biss u ghalhekk l-attur kellu jinnotifika direttament lill-konvenuta fir-residenza taghha gewwa r-Renju Unit;

Rat illi fl-udjenza tat-22 ta' Frar 2011[2] il-konvenut Direttur irtira l-ewwel u t-tieni eccezzjoni tieghu;

Rat ir-rikors ta' l-attur u d-digriet taghha[3] li permezz tieghu laqghet it-talba sabiex tirriappunta l-kawza ghas-smigh wara li fis-6 ta' Dicembru 2011 l-kawza thalliet *sine die*;

Rat ir-rikors tal-attur u d-digriet taghha[4] tat-28 ta' Mejju 2012 li permezz tieghu laqghet it-talba tal-attur sabiex il-Qorti tordna in-notifika tal-avviz ghas-smigh ta' riappuntament lill-konvenuta J K M fl-esteru tramite l-Ufficju tal-Avukat Generali;

Rat illi l-konvenuta giet notifikata bl-avviz tar-riappuntament fid- 9 ta' Lulju, 2012.

Rat ir-rapport xjentifiku tad-DNA u l-konferma b'gurament ta' Dottoressa Marisa Cassar li l-attur A B hu l-missier naturali ta' F;[5].

Rat li l-konvenuta baqghet kontumaci;

Rat id-dokumenti pprezentati;

---

[1] Folio 32
[2] Folio 77
[3] folio 107
[4] folio 151
[5] folio 166

Rat l-atti kollha tal-kawza, inkluz l-affidavits prezentati u x-xhieda moghtija via voce.

Ikkunsidrat

**L-Azzjoni**
Illi permezz tal-azzjoni odjerna l-attur qed jitlob minn din il-Qorti dikjarazzjoni gudizzjali fis-sens li t-tifel F G H Borg li twieled fid-9 ta' Gunju 2004 u li fl-att tat-twelid tieghu gie registrat bhala iben il-konvenut D C E huwa fil-fatt iben l-attur A B.

**Provi**
Illi mill-provi jirrizulta provat li ghalkemm il-konvenuta J kienet mizzewga lil D C E, kienet ilha tghix separata *de facto* minnu, sa minn sena wara li zzewget u cioe mis-sena 2003 meta bdiet tikkoabita mal-attur. Kien ikollhom relazzjonijiet intimi u b'rizultat ta' dan twieled it-tifel F G H fid-9 ta' Gunju 2004. Peress li J kienet biss separata *de facto* minn ma’ zewgha C E, fl-att tat-twelid il-wild kellu jkun indikat li huwa iben zewgha C E. Mit-testijiet xjentifici maghmula fil-2008 irrizulta li l-attur A B huwa il-missier naturali ta' F G H. Sussegwentement ir-relazzjoni bejn l-attur u l-konvenuta bdiet tiddeterjora sakemm fit-18 ta' Mejju 2010 il-konvenuta J telqet klandestinament lejn l-Ingliterra mal-minuri F G H minghajr ma nfurmat lill-attur. Ghal xi zmien l-attur ma rrnexxielux jikkomunika mal-konvenuta J; pero’ fl-ahhar irnexxielu jikkomunika maghha u llum ghandu kuntatt mal-minuri u anke jibghat manteniment.

**Konsiderazzjonijiet:**
Il-kawza odjerna giet intavolata ai termini tal-**Artikolu 77A tal-Kapitolu 16** li jipprovdi illi;
*“Kull min jghid li huwa l-missier naturali ta’ tifel mwieled fiz-zwieg, jew il-werrieta tieghu, jekk huwa jkun miet qabel ma jitwieled it-tifel, jista’ jmexxi b’rikors guramentat quddiem il-Qorti kompetenti kontra l-mara, ir-ragel u t-tifel, jew il-werrieta rispettivi taghhom jekk xi hadd minnhom ikun mejjet, sabiex huwa jigi dikjarat bhala l-missier naturali tat-tifel u dan jekk kemm–il darba huwa jirnexxilu jipprova li fiz-zmien bejn it-tliet mitt gurnata u l-mija u t-*

*tmenin gurnata qabel it-twelid tat-tifel il-mara kienet wettqet adulterju mieghu u barra minn hekk jipprova xi fatt iehor li jista' wkoll ikunu testijiet u provi genetici u xjentifici li x'aktarx jeskludu lir-ragel taghha bhala l-missier naturali tat-tifel."*

L-azzjoni odjerna ghandha wkoll il-fondament legali taghha fit-termini tal-**Artikolu 77C tal-Kapitolu 16** li jipprovdi illi:-

*"F'kazijiet ta' dikjarazzjoni ta' paternita' il-persuna li tghid li hija l-missier tat-tifel imwieled fiz-zwieg, jew il mara skont il-kaz, jistghu jipprocedu b'kawza ghal dikjarazzjoni ta' paternita jekk huma jressqu r-rikors guramentat taghhom fi zmien sitt xhur mit-twelid tat-tifel:*

*Izda l-Qorti Civili (Sezzjoni tal-Familja) tista' wara li jsir rikors mill-persuna li tghid li hija l-missier tat-tifel imwieled fiz-zwieg jew mill-mara u, jekk ikun possibli wara lt tkun semghet lill-partijiet interessati kollha, u wara li tkun qieset id-drittijiet tar-rikorrenti u tat-tifel, f'kull zmien tawtorizza lill-persuna li tghid li hija l-missier tat-tifel imwieled fiz-zwieg jew lill-mara biex jibdew kawza ghal dikjarazzjoni ta' paternita kif imsemmi fl-artikoli 77A u 77B"*

Una volta l-azzjoni promossa mill-attur hija intiza sabiex tbiddel radikalment il-kontenut ta' att tat-twelid l-Qorti hija fid-dover timxi b'kawtela kbira stante li l-akkoljiment ta' talba ghad-dikjarazzjoni ta' paternita' twassal ghal krejazzjoni ta' qaghda guridika gdida ghall-minuri in sostituzzjoni ta' dik attwali.

**Eccezzjonijiet tad-Direttur tar-Registru Pubbliku.**

Kif rajna aktar qabel, jirrizulta li fil-mori tal-kawza id-Direttur tar-Registru Pubbliku irtira l-ewwel u t-tieni eccezzjoni tieghu.

Fir-Risposta Guramentata tieghu, senjatament ir-raba' eccezzjoni, d-Direttur konvenut eccepixxa illi f'kazijiet simili l-attur irid jipprova l-impossibilità fizika tal-kongungiment bejn il-konjugi D E u J K M tul il-perjodu li jsemmi l-Artikolu 77 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta. Fil-fehma tal-Qorti tali prova ma hijiex mehtiega f'kazijiet simili jekk jigi ppruvat li fiz-zmien bejn it-tliet mitt gurnata u l-mija u t-tmenin gurnata qabel it-twelid tat-tifel il-mara kienet wettqet adulterju mal-attur u jigi ppruvat xi fatt iehor, li jista' wkoll ikunu testijiet u provi genetici u

xjentifici, li x'aktarx jeskludu lir-ragel taghha bhala l-missier naturali tat-tifel.
Fil-hames eccezzjoni tieghu d-Direttur eccepixxa illi l-attur ghandu l-oneru li jeghleb il-prezunzjoni legali mahluqa bis-sahha tal-Ariktolu 81 (2) tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta billi adegwatament u konvincentement juri li l-pussess ta' stat tal-minuri F G H ma jaqbilx mal-att tat-twelid tieghu.
Jirrizulta illi fiz-zmien li gie koncepit il-minuri, l-attur u l-konvenuta kienu qieghdin jikkoabitaw flimkien u ghamlu zmien jikkoabitaw wara li twieled il-minuri. Illum il-gurnata, ghalkemm l-attur u l-omm ma jghixux flimkien pero' l-attur ghandu kuntatt mal-minuri u jidher li jithallas ukoll manteniment. Fil-fehma tal-Qorti gie adegwatament ippruvat illi l-pussess ta' stat tal-minuri ma jaqbilx mal-istat tat-twelid tieghu u ghalhekk il-vot tal-Artikolu 81 (2) fuq citat gie sodisfatt.
Ikkunsidrat;
Sabiex l-azzjoni imsejsa fuq l-artikolu 77A fuq citat tirnexxi jehtieg illi jigu sodisfatti s-segwenti rekwiziti:-
1. L-azzjoni attrici tigi promossa permezz ta' rikors generali kontra (a) il-mara, (b) ir-ragel taghha u (c) il-wild taghha.

2. L-attur irid jipprova jipprova li fiz-zmien bejn it-tliet mitt gurnata u l-mija u t-tmenin gurnata qabel it-twelid tat-tifel il-mara kienet wettqet adulterju mieghu u barra minn hekk jipprova xi fatt iehor li jista; wkoll ikunu testijiet u provi genetici u xjentifici li x'aktarx jeskludu lir-ragel taghha bhala l-missier naturali tat-tifel.

3. Jigi ippruvat, b'testijiet u provi genetici u xjentifici, li x'aktarx jindikaw lill-attur bhala l-missier naturali tat-tifel.

Mill-atti jirrizulta li dawn ir-rekwiziti huma sodisfatti.

**Decide**
Ghal dawn il-motivi tiddeciedi r-rikors guramentat billi prevja li tichad l-eccezzjonijiet tad-Direttur:
1. Tilqa' l-ewwel talba u tiddikjara li l-konvenut D C E mhuwiex missier il-minuri F G H, imma huwa l-attur il-missier ta' l-istess minuri;

2. Tilqa’ it-tieni talba u tordna li l-att tat-twelid tal-minuri F G H li jgib in-numru ta' l-iskrizzjoni 2138 ta' l-2004 jigi korrett fis-sens li bhala partikolaritajiet tal-missier tat-tarbija, fil-kolonna li tindika isem u kunjom il-missier il-kliem 'D C E' jigu sostitwiti bil-kliem 'A B'; fil-kolonna intestat "id-Dokument ta' l-Identità " in-numru ta' identifikazzjoni tal-missier 0024659A jigi sostitwit bin-numru ta' identifikazzjoni 0067173M; fil-kolonna li tindika l-età tal-missier, in-numru 33 jigi sostitwit bin-numru 31; fil-kolonna li turi l-post tat-twelid tal-genituri, dak tal-missier cioe il-kliem Homs Syria jigu sostitwiti bil-kliem Mtarfa (Rabat) Malta; u fil-kolonna intestata "Isem u kunjom il-missier, u jekk hux haj jew mejjet" il-kliem C E (Alive) ghandu jigi sostitwit bil-kliem Carmelo B (Dead);
3. Tilqa’ it-tielet talba u tordna fil-kolonna intestat "Isem jew ismijiet li bih/bihom it-tarbija ghandha tigi msejha, wara l-ismijiet F G H ghandu jizdied il-kunjom “B M”.
Bl-ispejjez kontra l-attur.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------